IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2013
COM(2013) 446 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Is-segwitu tal-Kummissjoni tal-Konsultazzjoni "TOP TEN" tal-SMEs dwar ir-Regolamentazzjoni tal-UE**

**IS-SEGWITU TAL-KUMMISSJONI TAL-KONSULTAZZJONI "TOP TEN" TAL-SMES DWAR IR-REGOLAMENTAZZJONI TAL-UE**

## 1. Introduzzjoni

Impriżi żgħar u ta' daqs medju huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.[1] Il-Kummissjoni ħadet firxa ta' azzjonijiet matul is-snin biex tappoġġjahom u qed tkompli ssaħħaħ l-azzjonijiet tagħha.

Dan jinkludi d-deċiżjoni ta' Novembru 2011 biex isir sforz koordinat biex titħaffef it-tagħbija regolatorja fuq l-SMEs[2]. Bħala parti minn dan l-isforz, il-Kummissjoni talbet lill-SMEs fl-2012 permezz ta' konferenzi u konsultazzjonijiet sabiex jidentifikaw il-liġijiet tal-UE u l-oqsma ta' leġiżlazzjoni li huma jqisu li għandhom l-aktar piż. Huma kkontribwew b'mod attiv.[3] Fuq il-bażi ta' dawn it-tweġibiet, il-Kummissjoni pproduċiet lista ta' atti leġiżlattivi tal-UE meqjusa mill-SMEs u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati li huma l-aktar ta' piż.[4]

Ir-riżultati ta' din l-inizjattiva, imsejħa "Top Ten", flimkien ma' numru ta' azzjonijiet oħrajn li l-Kummissjoni qed tieħu, tħabbru fil-Komunikazzjoni ta' Marzu dwar "Regolamentazzjoni Intelliġenti — ir-Reazzjoni għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju"[5] l-Istati Membri kienu wkoll infurmati bir-riżultati permezz tan-netwerk rappreżentant tal-SMEs. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex ikun hemm segwitu dirett u immedjat għat-tħassib tal-SMEs. Il-Kunsill Ewropew laqa' din l-inizjattiva u stieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura sa Ġunju.[6] Dan ir-rapport jindika l-azzjonijiet ta' segwitu fuq ir-riżultati ewlenin tal-konsultazzjoni, bħala tweġiba għal dik it-talba.

Is-suċċess tal-inizjattiva "Top Ten" jeħtieġ li l-koleġislaturi u l-Istati Membri jingħaqdu f'dan l-isforz. Ħafna azzjonijiet tal-Kummissjoni jinsabu fil-proposti leġiżlattivi li l-koleġiżlaturi qegħdin jeżaminaw bħalissa. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jeħtieġu li jiġi żgurat li dispożizzjonijiet favur l-SMEs f'dawn il-proposti huma miżmuma u li piżijiet mhux meħtieġa ma jiġux miżjuda bi żball fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Din mhijiex sforz ta' darba biss. Dan jifforma parti mill-eżerċizzju ikbar REFIT imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Fitness Regolatorju tal-UE tat-12 ta' Diċembru 2012.[7] Permezz ta' Refit il-Kummissjoni se tkompli tieħu azzjoni biex jitnaqqas il-piż regolatorju u tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni kollha, filwaqt li jkun hemm firxa wiesgħa tal-kontribut tal-partijiet interessati f'kunsiderazzjoni.

---

[1] 20,7 miljun SME huma responsabbli għal iżjed minn 65 % tal-impjiegi fis-settur privat. L-SMEs huma fost l-aktar negozji innovattivi, li jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi u t-tkabbir. Apparti l-aċċess għall-finanzjament u s-swieq, il-piż regolatorju jirrappreżenta wieħed mill-itqal ostakoli tal-bidu u għall-iżvilupp ta' negozji żgħar. Com(2008)394

[2] Com(2011)803

[3] Din il-konsultazzjoni ġibdet lejha 1000 tweġiba, li minnhom 779 ġew minn intrapriżi u 154 mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom Com(2013)122, SWD(2013)60

[4] Il-lista tħejjiet billi ngħaqdu flimkien il-listi tal-20 miżura leġiżlattiva l-aktar ikkwotati rispettivament mill-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tagħhom. Il-miżuri l-aktar ta' spiss ikkwotati miż-żewġ listi tpoġġew f'lista ta' 14-il miżura leġiżlattiva. - Com(2013)122, SWD(2013)60

[5] Com(2013)122

[6] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew - l-14 ta' Marzu 2013, EUCO 23/13.

[7] Com(2012)746

## 2. Ir-riżultati u s-segwitu tat-TOP-10

Għal kull waħda mit-taqsimiet ewlenin "Top Ten" ta' miżuri leġiżlattivi, il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni. Fejn possibbli, il-Kummissjoni nfisha tkun aġixxiet direttament biex tittratta din il-kwistjoni. F'oqsma oħra, fejn hemm bżonn ta' bidla leġiżlattiva, il-Kummissjoni għamlet proposti lill-koleġiżlatur. Għalhekk, ftit aktar minn nofs l-azzjonijiet imniżżla hawn huma punti li fuqhom il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jieħdu azzjoni dwarhom. Il-Kummissjoni wkoll jew diġà bdiet tirrevedi l-leġiżlazzjoni kkonċernata jew qed tippjana li tirrevedi li tiġi identifikata l-aħjar azzjoni.

It-tħassib tal-SMEs li ma ġiex inkluż fil-lista ewlenija "Top Ten" se jiġi eżaminat fil-programm usa' għat-tnaqqis tal-piż regolatorju, il-programm REFIT. Rapport dwar il-progress ser ikun disponibbli fil-ħarifa.

### 2.1 Azzjoni li diġà tlestiet mill-Kummissjoni taħt l-awtorità tagħha

**Sustanzi kimiċi**

**Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Għandhom tħassib dwar il-kumplessità u l-ispiża ta' obbligi ta' informazzjoni, applikazzjoni inkonsistenti mill-Istati Membri u nuqqas ta' koerenza ma' leġiżlazzjoni ta' kimiċi speċifiċi bħal Restrizzjonijiet ta' Sustanzi Perikolużi (RoHS), bijoċidi, interferent endokrinali u s-sikurezza tal-ġugarelli.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Il-Kummissjoni wettqet rieżami komprensiv ta' REACH li jinkludi analiżi tar-rabtiet u d-duplikazzjonijiet possibbli b'leġiżlazzjoni oħra tal-UE li jaffettwaw kimiċi, kif ukoll diffikultajiet partikolari għal SMEs. F'Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat ukoll Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni[8] li jipprovdi miżati mnaqqsa għall-SMEs — tnaqqis ta' 35 % għal kumpaniji ta' daqs medju, 65 % għal kumpaniji żgħar u 95 % għall-mikrokumpaniji għar-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, gwida għall-implimentazzjoni ulterjuri qed titħejja u l-Aġenzija Ewropea tal-Kimiki (ECHA) ħatret Ambaxxatur tal-SMEs fuq talba tal-Kummissjoni biex tintegra l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs madwar l-attivitajiet tagħha u biex tipprovdi interlokutur għall-partijiet interessati. Sabiex titjieb il-konsistenza bejn REACH u

[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 254/2013 tal-20 ta' Marzu 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH).

leġiżlazzjoni ta' kimiki oħrajn għal dawk il-każijiet fejn id-duplikazzjoni potenzjali ġew identifikati, il-Kummissjoni se tirsisti biex jiġu mminimizzati jew biex jiġu evitati billi tistieden l-ECHA toħroġ gwida, jekk xieraq, u tħejji leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari meta jiġu kkunsidrati restrizzjonijiet u sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni fil-futur. Minħabba li l-implimentazzjoni ta' REACH għadha ma tlestietx kompletament, fl-interessi ta' stabilità legali u bi ftehim ma' bosta organizzazzjonijiet tan-negozju, il-Kummissjoni ma tqisx aktar emendi legali biex jilħqu REACH fil-mument.

## 2.2 Proposti tal-Kummissjoni li l-leġiżlatur tal-UE jeħtieġ li jaġixxi fuqhom

### Protezzjoni tad-dejta

**Id-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali (reviżjoni[9] f'proċedura leġiżlattiva li tistenna l-ewwel qari mill-PE)**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Il-proposta l-ġdida għal Regolament dwar il-protezzjoni ta' dejta ġenerali hi eċċessivament dettaljata fl-obbligi li jimponu fuq dawk li jipproċessaw id-dejta personali. Ir-riforma proposta tinkludi eċċezzjonijiet fl-obbligi għall-SMEs li għandhom jinżammu fil-proċess ta' kodeċiżjoni. Il-benefiċċji ekonomiċi ewlenin ta' din ir-riforma se jakkumulaw biss lil dawk il-kumpaniji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri, peress li se jibbenefikaw aktar minn armonizzazzjoni, filwaqt li l-kumpaniji li jinnegozjaw biss domestikament ser ikollhom iġorru l-piż ta' obbligi addizzjonali.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex iżżomm l-eċċezzjonijiet għall-SMEs f'dawk il-każijiet fejn l-ipproċessar tagħhom tad-dejta personali ma tippreżentax riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll mal-leġiżlatur tal-UE biex tiżviluppa aktar elementi eżistenti ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Dan ix-xogħol se jiffoka fuq kif għandhom jiġu kalibrati l-obbligi tal-kontrolluri tad-dejta biex jitkompla jiġi ssimplifikat l-ambjent regolatorju u jitnaqqas il-piż amministrattiv bla bżonn, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni għal dejta personali u ċ-ċarezza tal-obbligi legali għal kontrolluri tad-dejta.

### L-impjiegi

**Id-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (Miżura addizzjonali[10] fil-proċedura leġiżlattiva li qed tistenna l-ewwel qari mill-PE).**

[9] COM(2012)11 - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta

*L-SMEs jgħidulna li:*

Huma jappoġġaw il-kjarifika ta' infurzar bil-għan li l-frodi u l-kompetizzjoni inġusta jiġu miġġielda. Għal dan l-għan, huma jissuġġerixxu l-introduzzjoni ta' sistema ta' notifika minn qabel tas-sekondamenti lill-Istati Membri u kunsiderazzjoni mill-ġdid ta' obbligazzjoni *in solidum* għall-SMEs. Huma jargumentaw li dik l-obbligazzjoni se jkollha impatt fuq l-SMEs b'mod sproporzjonat minħabba li għandhom ħafna inqas kapaċità ta' monitoraġġ tas-sottokuntratturi tagħhom tal-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Huma jargumentaw ukoll li l-obbligazzjoni *in solidum* tista' tikkostitwixxi ostakolu lill-SMEs biex jidħlu fi swieq ġodda.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Il-proposta għal direttiva ta' infurzar qed tiġi diskussa fil-proċedura leġiżlattiva li diġà fiha elementi pożittivi għall-SMEs u l-mikrointrapriżi bħal spezzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju, aktar obbligi ta' Stati Membri ospitanti biex jagħmlu l-informazzjoni legali faċilment disponibbli u iktar ċertezza legali permezz ta' sett limitat ta' miżuri ta' kontroll u rekwiżiti amministrattivi li jistgħu jiġu applikati mill-Istati Membri. L-obbligazzjoni *in solidum* hija miżura importanti, diġà applikata f'ħafna Stati Membri, biex jipprovdu protezzjoni kontra l-abbuż u l-isfruttament ta' ħaddiema vulnerabbli. Il-Kummissjoni qiegħda tappoġġja l-isforzi biex jintlaħaq ftehim fil-proċess leġiżlattiv, b'mod partikolari dwar żewġ kwistjonijiet kontroversjali (lista ta' miżuri ta' kontroll u obbligazzjoni *in solidum*).

**Sigurtà tal-prodotti**

**Id-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (reviżjoni[11] f'proċedura leġiżlattiva li qed tistenna l-ewwel qari mill-PE)**

*L-SMEs jgħidulna li:*

L-Istati Membri japplikaw ir-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-kontrolli b'modi differenti. Ir-responsabbiltà tal-produttur huwa meqjus piż kbir għal kumpaniji iżgħar u d-dispożizzjonijiet dwar l-irtirar tal-prodott mis-suq jippermetti interpretazzjoni wiesgħa. Is-sistema hija għalja għall-SMEs u ma toffrix informazzjoni xierqa u protezzjoni lill-konsumaturi.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Fi Frar 2013, il-Kummissjoni pproponiet li tieħu post id-Direttiva dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti permezz ta' Regolament applikabbli direttament dwar is-Sigurtà tal-Prodotti tal-Konsumatur biex jiżguraw applikazzjoni aktar uniformi. Din il-proposta tindirizza ħafna mill-għaxar kummenti ewlenin, jitnaqqsu d-diverġenzi bejn l-Istati Membri inkluż sett aktar

[10] COM(2012)13 - Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE li tikkonċerna l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi

[11] COM(2013)78 - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE

sempliċi ta' rekwiżiti komuni u eżenzjoni min-notifika tal-obbligazzjonijiet għal prodotti li jippreżentaw riskji biss f'każijiet iżolati taħt ir-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku. Ir-Regolament propost ta' Sorveljanza tas-Suq jistabbilixxi qafas uniformi, jiġu evitati kontrolli doppji ta' prodotti u titjieb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi. Sorveljanza aħjar tas-suq se tgħin ukoll biex tipproteġi SMEs responsabbli minn kompetizzjoni inġusta minn prodotti mhux konformi. Il-proposti jqisu l-bżonnijiet tan-negozji ż-żgħar li jipprevedu gwida u għajnuna għall-SMEs. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi qafas ta' ħidma għal konsultazzjoni regolari man-negozju fuq l-implimentazzjoni, inkluż permezz ta' Forum ta' Sorveljanza tas-Suq. Il-Kummissjoni għandha wkoll tagħmel pressjoni biex ikun hemm l-akbar ċarezza dwar irtirar tal-prodott mis-suq fil-proċedura leġiżlattiva u toħroġ linji gwida biex jassistu negozji qabel ma r-regolamenti jiġu applikati.

## Akkwist pubbliku

### Id-Direttiva 2004/18/KE fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (reviżjoni[12] f'proċedura leġiżlattiva qed tistenna l-ewwel qari mill-Parlament Ewropew)

*L-SMEs jgħidulna li:*

Id-Direttivi tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi jinkludu rekwiżiti onerużi fir-rigward tal-pożizzjoni ekonomika ta' SMEs, użu mhux xieraq ta' kriterji ta' kwalità minn awtoritajiet kontraenti biex jistabbilixxu l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament u d-diffikultà li jinbtu mill-applikazzjoni ta' proċeduri jew prattiki differenti fi Stati Membri differenti minkejja l-armonizzazzjoni. Il-burokrazija u l-piż amministrattiv finanzjarju marbut mal-preparazzjoni ta' offerti jaġixxu bħala ostaklu għan-negozji ż-żgħar biex jipparteċipaw f'offerti pubbliċi.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni fuq ir-reġim ta' akkwisti pubbliċi f'Diċembru 2011. Xi wħud mill-modifiki proposti se jkollhom impatt dirett fuq l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku, inklużi konċessjonijiet.

Ir-reviżjoni tinkludi dispożizzjonijiet li jeħtieġu l-aċċettazzjoni ta' awtodikjarazzjonijiet għal skopijiet ta' selezzjoni (l-offerent rebbieħ biss se jkollu jagħti evidenza sħiħa) u dispożizzjoni li l-lista tal-kriterji tal-għażla se ssir eżawrjenti. Limitazzjoni hija introdotta fil-fatturat massimu meħtieġ biex jipparteċipaw f'proċedura ta' akkwist, li ma jistax ikun ogħla minn tliet darbiet il-valur stmat tal-kuntratt

Barra minn hekk l-awtoritajiet kontraenti se jkunu mħeġġa jaqsmu kuntratti f'lottijiet li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' aktar offerenti, b'mod partikolari SMEs, u se jkollhom

[12] COM(2011)896 - Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-akkwist pubbliku.

jispjegaw lil dawk li tefgħu l-offerti u meta ma jagħmlux dan (applikazzjoni tal-prinċipju "ikkonforma jew spjega").

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi tranżizzjoni gradwali għall-akkwist elettroniku. Il-kumpaniji jkunu jistgħu jikkonsultaw opportunitajiet tal-offerti onlajn u jissottomettu l-offerti tagħhom elettronikament, u dan se jissimplifika l-proċess u jżid it-trasparenza.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għat-tħassib tal-SMEs bil-kumplessità kontinwa tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u prattiki fost l-Istati Membri li qed jikkontribwixxu għal piżijiet amministrattivi.

### L-għarfien tal-kwalifiki professjonali

**Id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (reviżjoni[13] fi proċedura leġiżlattiva li qed tistenna l-ewwel qari mill-Parlament Ewropew)**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva huma f'duplikazzjoni ma' dawk tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u mhux faċli għal SME li ssir distinzjoni bejn l-obbligi li joħorġu miż-żewġ regolamenti. Filwaqt li ċerti SMEs esprimew sodisfazzjon bi wħud mid-dispożizzjonijiet proposti fl-emenda li qed tiġi diskussa bħalissa fi proċedura leġiżlattiva, speċjalment l-introduzzjoni tal-Karta Professjonali Ewropea u l-ġeneralizzazzjoni tal-Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)[14], xi proposti ġodda oħra jqajmu dubji, bħall-aċċess parzjali miftuħ għal professjonijiet b'kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet akbar fl-Istat Membru ospitanti, jew ir-rikonoxximent taċitu tal-kwalifiki għall-professjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sikurezza.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Ir-reviżjoni tiżgura l-konsistenza mad-Direttiva dwar is-Servizzi, notevolment billi tiżgura li l-informazzjoni kollha u l-proċeduri relatati mar-rikonoxximent tal-kwalifiki huma disponibbli mal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni għal kull professjoni. Ir-regoli dwar il-mobbiltà temporanja se jiġu modernizzati sabiex dik id-dispożizzjoni tas-servizzi ssir aktar faċli.

Il-proposta tinkludi l-introduzzjoni tal-Karta Professjonali Ewropea (EPC), ibbażata fuq kooperazzjoni onlajn msaħħa bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-verifika tal-kwalifiki u dwar l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "rikonoxximent taċitu" ladarba d-data tal-iskadenza għal deċiżjoni ta' rikonoxximent tkun għaddiet. Ir-rikonoxximent taċitu se japplika għall-professjonijiet kollha bl-użu tal-EPC, iżda l-Istat Membru li qed jospitah se jkollu l-possibbiltà li tiġi estiża l-iskadenza fejn meħtieġ, b'mod partikolari għal raġunijiet li huma relatati mas-saħħa pubblika u s-sikurezza. Din se tiżgura rispons aktar mgħaġġel tal-

[13] COM(2011)883 - Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

[14] http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/index_mt.html

ipproċessar tat-talbiet għar-rikonoxximent u tippermetti lill-professjonisti jibdew l-attivitajiet tagħhom mingħajr dewmien.

Aċċess parzjali se jintuża fuq bażi ta' każ b'każ biex jiġi evitat li d-differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet riżervati għal ċerti professjonijiet fl-Istat Membru ospitanti jipprevjenu lill-professjonisti minn Stati Membri tad-domiċilju milli jistabbilixxu ruħhom fl-Istat Membru ospitanti. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti se jkollhom il-possibbiltà li jirrifjutaw aċċess parzjali għal raġunijiet ta' interess ġenerali.

**It-trasport fit-triq**

**Ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (reviżjoni[15] qrib l-adozzjoni fi proċedura leġiżlattiva)**

*L-SMEs jgħidulna li:*

L-obbligu li jinstallaw takografu jista' jiġġenera spejjeż, u l-konformità mar-regolament attwali huwa kbir f'termini ta' piż amministrattiv. Vetturi li ma jivvjaġġawx 'il bogħod mill-bażi tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' dan ir-Regolament.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni*

Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-takografija ġiet ippreżentata *inter alia* wara rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar Piżijiet Amministrattivi. Il-proposta tal-Kummissjoni pprevediet li eżenzjonijiet mhux obbligatorji attwali pprovduti mir-Regolament 561/2006 għal ċerti kategoriji ta' vetturi għandhom japplikaw fi ħdan raġġ uniformi ta' 100 km, ikkalkulat mill-bażi ta' impriża ta' trasport (żdiet minn 50 km). L-istadji finali tal-proċedura leġiżlattiva ġew milħuqa u l-kwistjoni tal-eżenzjonijiet kien soġġett għal diskussjoni intensiva bħala waħda mill-punti finali għal ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Ir-riżultat finali, li għad irid jiġi adottat, x'aktarx li jkun f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-hekk imsejjaħ eżenzjoni tan-"nies tas-sengħa" (l-Artikolu 13 (1), l-ittra d), li mhux ser jibqa' fakultattiv, b'kuntrast ma' eżenzjonijiet oħra. Dan għandu jtejjeb iċ-ċertezza legali madwar l-Unjoni u jevitaw il-piż amministrattiv u l-kumplessità għall-partijiet interessati u l-Istati Membri.

## 2.3 L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni diġà għaddejjin jew huma programmati

[15] COM(2011)451 - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**L-impjiegi**

**Id-Direttiva 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol**

*L-SMEs jgħidulna li:*

L-obbligazzjoni ġenerali għad-dokumentazzjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju hija kkumplikata wisq. Għal attivitajiet b'riskju baxx, l-analiżi tar-riskju tista' titwettaq mingħajr ma jkunu dokumentati. Eżenzjonijiet u rekwiżiti eħfef għandhom jiġu applikati f'każ ta' impjieg temporanju u għal mikrokumpaniji. F'każijiet fejn bosta miżuri leġiżlattivi huma duplikati, valutazzjonijiet tar-riskju u dokumentazzjoni (doppja) dwar il-valutazzjonijiet ta' riskju għandhom ikunu aboliti.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Id-Direttivi dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali fil-biċċa l-kbira jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet tal-SME's. Pereżempju, id-Direttiva Qafas 89/391/KEE tippermetti lill-Istati Membri biex jadattaw obbligazzjonijiet ta' dokumentazzjoni dwar valutazzjoni ta' riskju fid-dawl tan-natura ta' attivitajiet u d-daqs ta' impriżi. L-acquis kollu dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali (id-Direttiva 89/391/KEE u t-23 direttiva relatati magħha) bħalissa għaddej minn evalwazzjoni sħiħa (Kontroll tal-Idoneità REFIT) u se tinkludi konsultazzjoni speċifika mal-SMEs. Il-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni *ex-post* se jkunu disponibbli qabel tmiem l-2015. L-Istati Membri se jgħinu f'din l-evalwazzjoni b'rapporti ta' implimentazzjoni sa Diċembru 2013. Huma għandhom jikkunsidraw it-tħassib tal-SMEs fis-sottomissjonijiet tagħhom u jirrappurtaw dwar miżuri biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni mill-SMEs.

**Id-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Din id-Direttiva m'għamlithiex iktar faċli għall-kumpaniji biex jaħdmu bejn il-fruntieri. Il-piż amministrattiv huwa għoli b'mod partikolari minħabba r-rekwiżiti tal-Istat Membri. Pereżempju, il-kumpaniji li jixtiequ jkunu attivi f'bosta Stati Membri jistgħu jkunu mitluba xorta waħda li jirreġistraw f'dawn l-Istati Membri kollha separatament. L-SMEs jissuġġerixxu li jiġu żgurati aktar rekwiżiti proporzjonati li jiffaċilitaw servizzi transkonfinali u għal xogħol temporanju permezz ta' aġenzija li tinġieb taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Għandu jitfassal rapport f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, li jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema Ewropej u min iħaddem, li hu skedat għal Diċembru 2013. Dan ir-rapport se jikkunsidra tħassib u aspetti ta' piż regolatorju tal-SMEs u jeżamina b'mod speċifiku kif l-Istati Membri kienu konformi mar-rekwiżit li jidentifikaw u jiġġustifikaw ostakoli attwali għal xogħol temporanju permezz ta' aġenziji. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tinkludi rakkomandazzjonijiet lil Stati Membri fil-miżuri speċifiċi għall-pajjiż

għall-2014 jekk il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tas-sistemi nazzjonali tidentifika aspetti speċifiċi għal piż regolatorju bħala ostakoli għal tkabbir u kompetittività.

**Id-Direttiva 2003/88 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Id-Direttiva hija kumplessa u inflessibbli, b'mod partikolari fil-każ ta' xogħol staġjonali jew fejn in-negozji jiffaċċjaw livell ta' domanda li jinbidel f'daqqa. Bidliet fl-għadd ta' ħin tal-għassa u l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza għall-kalkolazzjoni tal-medja tas-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa għal 12-il xahar jippermetti lin-negozji ż-żgħar aktar flessibilità. Il-piż ta' reġistri tal-ħinijiet tax-xogħol għandu jinqasam bejn min iħaddem u l-impjegat. Il-kumplessità ta' din id-direttiva tagħmilha kważi obbligu għall-SMEs biex ifittxu assistenza legali speċjalizzata li tiswa ħafna flus.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni*

Qed titħejja Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata li se tqis b'mod speċjali t-tħassib tal-SMEs.

**Taxxa fuq il-valur miżjud**

**Id-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Is-sistema hija kumplessa ħafna, b'regoli proċedurali nazzjonali differenti kif ukoll nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-VAT sempliċi u uniformi. Dan jiskoraġġixxi lill-SMEs milli jagħmlu kummerċ transkonfinali. In-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT għandhom jiġu ġeneralizzati. L-obbligazzjoni ta' kumpaniji li jinnegozjaw b'mod transkonfinali biex tirreġistra fl-Istati Membri kollha fejn ikunu jridu jesportaw toħloq piż addizzjonali. In-nuqqas ta' limitu massimu għar-rati tal-VAT iżid il-kumplessità tas-sistema. Hemm informazzjoni u gwida inadegwata.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Proposta ta' dikjarazzjoni standard tal-VAT biex tiffaċilita l-konformità għan-negozji b'attivitajiet f'bosta Stati Membri hija ppjanata għal tmiem l-2013. Barra minn hekk, beda x-xogħol mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' "mini-one-stop-shop" għal servizzi elettroniċi, tax-xandir u tat-telekomunikazzjoni. L-introduzzjoni ta' mini-one-stop-shop fl-2015 huwa fi żmien li jikkoinċidi mad-dħul tar-regoli ġodda fuq il-post tal-forniment. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li jipprovdu appoġġ tajjeb għan-negozju mill-bidu. Il-Kummissjoni tappoġġja t-twessigħ tal-kunċett kif diġà mressqa fil-proposta tagħha tal-2004. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill reċenti dwar il-futur tal-VAT huma, madankollu, li dan jista' jsir biss wara valutazzjoni tal-mini-one-stop-shop. Xogħol fuq l-iżvilupp ta' portal elettroniku tal-VAT tal-UE, li jipprovdi informazzjoni preċiża, affidabbli u

f’waqtha dwar l-implimentazzjoni ta’ reġim tal-VAT tal-UE fl-Istati Membri differenti se jiġi intensifikat. Dan se jsir f’konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-SMEs, sabiex taqdi aħjar il-bżonnijiet tal-SMEs għal soluzzjonijiet prattiċi, inklużi arranġamenti proporzjonati għal verżjonijiet lingwistiċi aċċessibbli, li jibnu fuq informazzjoni dettaljata fil-websajt eżistenti.

**Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Huma mħassba bin-nuqqas ta’ tweġibiet minn Stati Membri għal talbiet għal rifużjonijiet tal-VAT u d-dewmien biex jirċievu rifużjonijiet.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Il-Kummissjoni organizzat konferenza fl-2012 dwar l-arranġamenti mtejba għar-rifużjonijiet tal-VAT. Skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa għall-Kummissjoni, il-problemi inizjali tas-sistema tar-rifużjoni tal-VAT issa ġew solvuti. Il-Kummissjoni hija lesta biex tiżgura segwitu mgħaġġel u effettiv fil-każ li jinqalgħu problemi oħrajn.

**Skart**

**Id-Direttiva 2008/98 dwar l-iskart u d-Deċiżjoni 2000/532/KE li tistabbilixxi listi ta’ skart u ta’ skart perikoluż**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Huma mħassba b'xi aspetti tad-Direttiva, pereżempju huma inċerti dwar meta l-iskart ma jibqax jitqies bħala skart. Xi wħud jargumentaw li d-definizzjoni ta’ prodotti sekondarji tiskoraġġixxi l-innovazzjoni. Hemm aktar problemi ta’ Stati Membri li jżidu rekwiżiti bla bżonn (“gold-plating”) u nuqqas ta’ pariri u gwida xierqa. Għandhom jiġu introdotti eżenzjonijiet jew reġimi eħfef, notevolment dwar ir-rapurtaġġ u r-rekwiżit għal noti ta’ trasferiment tal-iskart.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Il-Kummissjoni qed twettaq rieżami tal-politika tal-UE dwar l-iskart u leġiżlazzjoni taħt REFIT li għandu jiġi konkluż fl-2014 bil-għan li jiġi ddeterminat jekk hijiex meħtieġa bidla fil-leġiżlazzjoni tal-iskart. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u l-partijiet interessati dwar gwida prattika u azzjonijiet ta’ pariri u tkompli tesplora kwistjonijiet speċifiċi, pereżempju f’dak li għandu x’jaqsam mat-tnaqqis ta’ piż amministrattiv mir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għal trasportaturi tal-iskart li joħorġu mill-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/98/KE. Il-Kummissjoni se tieħu wkoll azzjoni sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni

tal-SMEs fil-Pjattaforma Ewropea għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi[16]. Fil-bidu tal-2014 il-Kummissjoni se torganizza laqgħa ta' ħidma biex jiġi diskuss t-tħassib li l-SMEs esprimew fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart.

**Ir-Regolament 1013/2006 dwar vjaġġi ta' skart**

*L-SMEs jgħidulna li:*

Minħabba d-differenzi fl-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni fl-Istati Membri kollha, ir-Regolament ma wassalx għall-ħolqien ta' suq komuni għall-utilizzazzjoni tal-iskart u r-riċiklaġġ. Għandu jsir aktar biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament b'aktar attenzjoni ffokata fuq skart perikoluż u inqas fuq skart mhux problematiku. Għandu jkun hemm aktar simplifikazzjoni ta' proċeduri għal vjaġġi ta' skart bejn l-Istati Membri, filwaqt li l-ispezzjonijiet u l-evalwazzjonijiet ta' faċilitajiet tat-trattament tal-iskart isiru mill-awtoritajiet tal-Istat Membru riċeventi.

*It-tweġiba tal-Kummissjoni:*

Sabiex tkompli tippromwovi suq komuni għal utilizzazzjoni tal-iskart u r-riċiklaġġ il-Kummissjoni ħadet għadd ta' inizjattivi bħall-iżvilupp ta' kriterji dwar it-tmiem tal-iskart bit-tneħħija ta' flussi ta' skart speċifiċi (eż. metall, ħġieġ, ram) mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart (inkluż ir-Regolament dwar it-Trasportazzjoni tal-Iskart). Bi tweġiba għal rakkomandazzjoni speċifika mill-grupp ta' livell għoli dwar Piżijiet Amministrattivi, il-Kummissjoni ħeġġet b'mod attiv l-użu ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju tad-dejta dwar il-ġarr tal-iskart fuq il-baħar bejn l-Istati Membri u dan l-aħħar nediet studju ta' fattibilità dwar il-possibilità ta' sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika mal-UE kollha.

Biex tgħin tiżgura implimentazzjoni aktar uniformi tar-Regolament b'enfasi fuq flussi problematiċi ta' skart, għal nofs l-2013, hija ppjanata proposta tal-Kummissjoni biex issaħħaħ spezzjonijiet ta' vjaġġi tal-iskart. Kien hemm appoġġ wiesa' mill-partijiet interessati għal din il-proposta waqt il-konsultazzjoni pubblika li saret dwar il-proposta fl-2011. Il-Kummissjoni tqis it-tħassib tal-SMEs tul it-tħejjija ta' din il-proposta u hija lesta biex tispjega kif dan sar ladarba tiġi adottata l-proposta.

## 3. Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni qiegħda tirrispondi b'mod dirett għat-tħassib tal-SMEs. L-għan huwa li jitħaffef il-piż regolatorju fejn possibbli filwaqt li tkompli tirrispetta l-għanijiet ta' politika u żżomm stabilità legali. Il-Kummissjoni titlob lil-leġiżlatur tal-UE fl-adozzjoni, u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tkun adatta għall-ħtiġijiet tal-SMEs, b'referenza partikolari għal proposti li diġà ġew sottomessi

[16] http://ec.europa.eu/environment/resource_efficiency/re_platform/

għad-diskussjoni mill-Kummissjoni f’oqsma ta’ regolamentazzjoni identifikati bħala partikolarment ta’ piż permezz tal-konsultazzjoni TOP10. Il-Kummissjoni se żżomm il-momentum fit-tnaqqis tal-piż u fis-simplifikazzjoni tal-programm REFIT li se tħejji rapport dwaru fil-ħarifa. Hija ser timmonitorja l-progress permezz tal-valutazzjoni annwali tagħha.